MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Numru. 307/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Paul Spiteri bin Vincent u Angela nee' Camilleri, imwieled fis-17 ta' Lulju, 1960 u residenti Warda Mistika,**
**Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 42060(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi **Paul Spiteri** li gie akkuzat talli fis-27.02.2007 ghall-habta ta' 17:30hrs fi triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex bhala sewwieq ta' vettura PUL 120 Volkswagon Golf:

1) Saq vettura nru. PUL 120 ghamla Volkswagon Golf b'manjiera traskurata u perikoluza (Art 15 (1)(a) Kap 65)
2) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma Andrew Saliba li kien jaqsam it-triq u nvolontarjament ikkagunalu feriti ta' natura gravi u dan skond ma ccertifikat Dr. Susanne Attard MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex (Art 226 (1)(e) Kap 9)
3) Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi bhala sewwieq ta' l-istess vettura PUL 120, meta kien qed jersaq lejn post fejn it-triq kienet immarkata b'linji bojod paralelli b'sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu tan-nies bil-pass, naqas li jiehu l-mizuri necessarji indikati fl-artikolu 89(1) tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-vetturi bil-mutur u qasam il-passagg ta' xi nies bil-pass li kienu qed juzaw dan il-post ta' qsim (Art 89(1) MVR)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 15 (1)(a) Kap 65, Sec 226 (1)(e) Kap 9 u Art 89 (1) MVR;

Peress illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ippruvati;

Il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------